TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 954

| | |
|---|---|
| KAZI NRI. 1147; 1148; 1155; 1156; 1157 | Fil-Kwistjoni tax-Xoghol<br>bejn<br>Anthony Bartolo, Joseph Farrugia, George Muscat, Anthony Cachia, Joseph Cassar<br>u<br>The Edible Oil Refining Co Ltd u Sun Chemicals Ltd<br>dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta<br><br>Data : 13 ta' Lujlu 1998 |

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dawn il-kazi gew riferuti lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali bittri datati 26 ta' Gunju 1997 b'referenzi MHS/TI/42 u 43/97 u b'ittri datati 10 ta' Lulju 1997 b'referenzi MHS/TI/51, 52 u 53/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 10 seduti.

Anthony Bartolo, Joseph Farrugia, George Muscat, Anthony Cachia u Joseph Cassar, aktar il-quddiem jissejjhu l-"appellanti", kienu assistiti mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u The Edible Oil Refinig Co Ltd u Sun Chemicals Ltd, aktar il-quddiem jissejhu l-"Kumpaniji" kienu rapprezentati mis-Sur Joseph Farrugia assistit mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanti ikkontendew li :

1) is-sitwazzjoni prezenti tal-Kumpaniji ma tiggustifikax it-terminazzjoni ta' l-impieg taghhom ;

2) il-Kumpaniji kienu jirrifjutaw ordnijiet u mbaghad jghidu li m'ghandhomx xoghol u

3) jekk kien hemm gustifikazzjoni ta' redundancy huma ma kienux l-ahhar li dahlu u ghalhekk mhux huma kellhom jigu ssensjati.

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellanti talbu t-Tribunal jaghmel evalwazzjoni jekk it-tnaqqis fin-negozju tal-Kumpaniji kienx tnaqqis genwin inkella kienx indott mis-sidien stess minhabba dizorganizzazzjoni, nuqqas ta' hegga jew xi raguni ohra.

Dwar il-punt jekk kellhomx jigu ssensjati huma inkella ohrajn gie mqabbel xoghol li huma kienu ghamlu qabel, li gew mqabbda jaghmlu jew li kienu kapaci jaghmlu komparat ma dak li kienu qed jaghmlu haddiema li jikkontendu li huma fl-istess klassi u li baqghu fl-impieg.

Il-Kumpaniji fl-istqarrija tal-kaz issottomettew li :

1) minhabba nuqqas drastiku fil-bejh huma kellhom jaghmlu riorganizzazzjoni bir-rizultat li numru ta' haddiema sfaw redundant ;

2) is-sensji gew dikjarati fuq il-principju "last in first out" fil-grade ;

3) fejn applikabbli l-haddiema nvoluti gew mnizzla ghal gradi ohra li kienu jokkupaw fl-imghoddi, skond Klawzola 23 ta-Ftehim Kollettiv, qabel ma gie determinat min kellu jisfa' redundant.

Fis-sottomissjonijiet finali l-Kumpaniji kkontendew li :

1) mix-xhieda gie pruvat li fuq perijodu ta' snin kien hemm nuqqas drastiku fil-bejh ;

2) mhux minnu li rrifjutaw kapriccjozament xi ordnijiet vantagguzi; xhieda mid-Dipartiment tal-Kummerc indikati mill-appellanti biex isostnu l-allegazzjoni li l-Kumpaniji kienu qed jirrifjutaw ordnijiet li jinghatawlhom fil-fatt ma tressqux ;

3) huma mxew fuq il-principju ta' "last in first out" u ghamlu l-ezercizzju b'konsultazzjoni mal-Union.

It-Tribunal wara li kkunsidra x-xhieda, d-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet wasal ghall-konkluzjoni li :

- kien hemm nuqqas fil- bejh fl-ahhar snin kemm fis-suq lokali kif ukoll f'dak barrani in parti kagun ta' sistemi operati mid-Dipartimenti koncernati li effetwaw hazin lill-Kumpaniji kif ukoll minhabba "unfair competition" minn terzi persuni fl-istess negozju ;

- mhux tenibbli l-argument li kumpaniji jirrifjutaw xoghol bi qligh kapriccjozament u wiehed irid bil-fors jaccetta li meta kumpanija ma taccettax xoghol li jista' jkun offrut dan taghmlu ghaliex fl-estimu taghha flok ta' vantagg se jkun ta' dannu ghaliha. Fuq kollox it-tmexxija ta' kumpanija hija prerogattiva ta' min ghamel l-investiment jew ta' min awtorizza li jmexxijielu u liema ordnijiet jaccetta jew jirrifjuta jiddeciedi hu u mhux haddiehor.

  Fuq kollox la gie ppruvat li l-Kumpaniji rrifjutaw xi ordnijiet vantagguzi u l-anqas tressqu x-xhieda li kienu gew indikati mill-appellanti dwar dan il-punt.

- fic-cirkostanzi kien hemm gustifikazzjoni ghal riorganizzazzjoni u jekk dan wassal ghal redundancies wiehed ma jistghax jiddikjara li dawn ma kienux genwini.

- dwar it-thaddim tal-principju "last in first out" il-Kumpaniji sostnew li mxew skond il-ligi u partikolarment skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 23 tal-Ftehim Kollettiv u dan ghamluh b'konsultazzjoni mal-Union li f'ebda stadju tan-negozjati ma kkontestat il-validita ta' l-ezercizzju. Dan ma giex kontestat mill-appellanti. It-Tribunal jinnota li, ghalkemm l-appellanti kienu ndikaw li se jtellghu ufficjali tal-General Workers Union, li tirrapprezenta l-haddiema tal-Grupp, dawn fil-fatt ma tressqux biex jixhdu.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti saret ghal ragunijiet ta' redundancy u gie applikat sewwa l-principju ta' "last in first out" skond l-Artiklu 23 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Kumpaniji u l-General Workers Union li jikkonforma ma dak stabbilit fl-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg. Kiem hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellanti.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju